# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 1205/2018 MH**

**Illum, 8 ta' Marzu, 2019**

**Dr. Jur Hermann Kresse**

**Vs**

**Bernd Josef Jung**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors**[1] tal-attur li gie prezentat fl-4 ta' Lulju 2017 li permezz tieghu espona:

1. *"Illi, l-attur huwa d-direttur tad-ditta legali "Kresse International Law Firm" fejn jaġixxi f'isem id-ditta kif ukoll f'ismu propju;*

2. *Illi, permezz ta' "Letter of Engagement", kopja hawn annessa u mmarkata bħala* ***DOK 'HK1'****, iddatata il-****5 ta' Marzu 2018****, il-konvenut inkariga il-*

[1] Folio 1

*"Kresse International Law Firm" biex tipprovdi s-servizzi elenkati fl-istima ta' servizzi offruti, kopja ta' liema stima qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala* ***DOK 'HK2'****, li fost oħrajn jinkludu s-servizz ta' formazzjoni ta' kumpaniji u pariri rigward il-ħlas tat-taxxa;*

3. *Illi, Bernd Josef Jung aċċetta l-istejjem ipprovduti u inkariga lill-attur sabiex jesegwixxi ix-xogħol minnu ikkuntrattat;*

4. *Illi, nhar id-**19 ta' Ottubru 2018**, wara li is-servizzi u l-ħlas dovut għalihom kien ġie provdut, il-konvenut bagħat "e-mail" lill-attur fejn huwa iddikjara li huwa qed jippretendi li għandu l-jedd li jiġi rifuż s-somma li ħallas għas-servizzi li huwa irċieva, u b'dan saħansitra hedded li jagħmel ħsara lir-reputazzjoni tal-attur jekk ma jirċivix s-somma lura, kopja ta' liema korrispondenza mill-milantant qiegħedin jiġi hawn annessi u mmarkati bħala* ***DOK 'HK3'****;*

5. *Illi, din wasslet sabiex sar rapport mal-Għassa tal-Pulizija tad-distrett ta' San Ġiljan b'kwerela sussegwenti, kopja ta' liema kwerela qiegħed jiġi hawn annessi u mmarkati bħala* ***DOK 'HK4'****, u b'riżultat t'hekk tniedew saħansitra proċeduri penali kontra l-konvenut li fil-mument tal-preżentata ta' dan ir-rikors kienu għadhom qegħdin jissoktaw;*

6. *Illi, kemm il-darba imwissi biex ma jkomplix bl-aġir abużiv tiegħu permezz ta' email interpellatorja kopja hawn annessa u mmarkata bħala* ***DOK 'HK5'****, il-konvenut bqa' jimmilanta lill-attur;*

7. *Illi, sal-lum il-ġurnata l-konvenut naqas milli jiddeduċi l-pretensjonijiet vantati minnu u l-attur għandu kull interess li jillibera ruħu mill-pretensjonijiet kollha vantati fil-kontront tiegħu.*

*8. Illi, dawn il-fatti r-rikorrenti jafhom personalment.*

*9. Illi, għalhekk kellha issir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, u għar-raġunijiet kollha fuq premessi, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħid il-konvenut għaliex m'għandiex dina l-Onorabbli Qorti:-*

1. *Tipprefriġġi terminu qasir u perentorju ta' mhux aktar minn tlett (3) xhur lill-konvenut Bernd Josef Jung sabiex jiddeduċi fil-ġudizzju b'kawża l-pretensjonijiet kollha vantati minnu permezz tal--"e-mail" tiegħu tad-19 ta' Ottubru 2018 mibgħuta lill-attur u dana ai termini tal-Artikoli 403 et seq. tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta [Kodiċi ta' Organizzazjoni u Proċedura Ċivili]; u*

2. *Fil-każ li l-konvenut jonqos milli jiddeduċi dawn l-istess pretensjonijiet entru t-terminu prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti, timponi fuq l-itess konvenut is-silenzju perpetwu billi jiġi impedit milli qatt iżjed jipproċedi b'dawn il-pretensjonijiet vantati minnu kontra r-rikorrent.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa stess inġunt għas-subizzjoni."*

Rat **ir-risposta**[2] ta' Bernd Josef Jung li giet prezentata fid-19 ta' Frar 2019 li permezz taghha espona:

[2] Folio 8

*"1. Illi l-azzjoni ta' jattanza proposta mill-attur mhijiex ammissibbli billi l-intimazzjonijiet maghmula mill-ecceppjent permezz ta' e-mail tieghu tat-2 ta' Ottubru 2018 kienet pprovokata minn kont esuberanti mibghut lil eccipjenti mill-attur ghal servizzi rezi mill-istess attur, u liema intimazzjoni ma kenitx wahda spontanja. In sostenn l-eccipjenti ma ta bidu ghal ebda kawtela guridika ghall-konservazzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tieghu stess;*

*2. Illi f'kull kaz u bla pregudizzju, it-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez billi ma jirrikorrux l-elementi mehtiega biex tirnexxi l-azzjoni tentata minnu."*

Rat il-verbal tagħha ta' l-ewwel ta' Marzu, fejn il-Qorti rat li wara li ġie msejjaħ diversi drabi l-konvenut li baqqa ma deherx, dehret l-Avukata Dr. Raisa Colombo li bla ma assoċċjat ruħha fil-patroċinju tal-konvenut, anzi qalet lil Qorti li hi kienet qed tidher biss bħala *amicus curiae*, nfurmat lil Qorti lil presenza tagħha kienet biss limitata biex titlob differiment għas-seduta kurrenti.

Ġustament l-avukat tar-rikorrenti oppona l-istess differiment u talab lil Qorti tgħaddi biex tipprefigi t-termini maħsuba fl-artikolu 402 et seq tal-Kap 12. Żid ukoll li hu ma kellu ebda prova oħra x'jressaq u li kien qed jistrieħ fuq ir-rikors guramentat ukoll fuq id-dokumenti miegħu annessi.

Tara ukoll il-Qorti li nonostante li kemm ir-rikors guramenta ukoll r-risposta guramentata ġew redatti ukoll bil-lingwa ingliza ma saret ebda talba mir-rikorrenti biex dawn il-pproċeduri jitmexxew hekk.

Rat ukoll lil Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti li tgħaddi għas-sentenza in vista tal-mod kif ikkomporta ruħhu l-istess konvenut, cioe' li ma sar ebda rikors għal differiment ukoll li l-istess konvenut naqqas li jidher quddiem din il-Qorti.

Ikkonsidrat

Illi din tal-lum hija kawza ta' jattanza. Il-fatti li wasslu għalija huma dawk li jidhru mir-rikors ġuramentat u r-risposta ġuramentata.

Ir-rikorrenti fil-fatt jilmenta illi wara li kien daħal f'arranġjament mall-konvenut permezz ta' *letter of engagement* kien presta lilu varji servizzi u ta' dan ix-xogħol l-istess konvenut kien aċċetta stejjem ta' dak li kellu jkun is-siwi ta' l-istess xogħol[3]. Mhux ikkontestat illi l-attur eseġwixxa ix-xogħol miftiehem. Il-polemika bejn il-partijiet inqalgħet meta fil-fatt r-rikorrenti adebita kont jew kif isejjħilhom hu stejjem, ta' dak lilu dovut mill l-istess konvenut. Dan il-kont/stima ġġib id-data ta' 8 ta' Gunju, 2018.[4]

Huwa paċifiku li **mill-atti jirrizulta** li dan il-kont skatta reazzjoni negattiva jekk mhux abusiva da parti tal-konvenut li anke waqa fil-bassezzi ta' theddid. Jgħid fil-fatt l-istess rikorrenti li minħabba f'hekk huwa anke wassal biex jagħmel rapport ma' l-għassa tal-Pulizija ta' San Giljan.[5] Li jsegwi fl-atti huma għalhekk sensiela ta' *emails* mibgħuta mill-konvenut lir-rikorrenti, fejn, almenu minn dawk bil-lingwa ingliza[6], jidher kontestazzjoni qawwija għal kont mibgħut ukoll theddid lejn ir-reputazzjoni ta' l-attur jekk dana ma jirrifondiex pagamenti li kienu ġia sarulu, skont il-konvenut għax kien ġie *overcharged.*

**Minn hawn skatat din il-kawza. Dan jirrizulta ċar mill-pemessi tar-rikors guramentat.**

[3] Dok HK1 folio 5
[4] Dok. HK2 folio 6
[5] Dok HK4 folio 47
[6] Hemm minnhom bil-lingwa tedeska li tagħhom ma ntalbet ebda traduzzjoni.

In vista ta' l-eċċezzjoni mressqa mill-konvenut huwa għaqli f'dan il-istadju lil Qorti tagħmel referenza għal dak li stabilixxiet il-ġurisprudenza nostrana dwar l-elementi rikjesti biex it-talba għal jattanza isib suċċess.

Din l-eċċezzjoni hija bbażata fuq il-mankanza ta' element rekwisit għal-azzjoni ta' jattanza ċioe' l-provokazzjoni u nuqqas ta' spontanjeta' tal-millantazzjoni.

Ingħad għalhekk fid-deċizzjoni fl-ismijiet **Mario Pickard vs Grace Anderson**[7]

*"Il-konvenuta eċċepiet illi l-pretensjoni tagħha ġiet "ipprovokata" bl-agir tal-attur meta ammetta tort għall-inċident*
*u li allura, skont il-ġurisprudenza lokali, l-azzjoni ta' jattanza ma tistax tirnexxi. Fl-istadju tal-appell ressqet ukoll l-eċċezzjoni tal-"preskrizzjoni". Trattat l-aggravju principali, huwa prinċipju accettat mill-ġurisprudenza tagħna li l-millantazzjoni, biex tkun tista' tagħti lok għall-azzjoni ta' jattanza ma tridx tkun provokata.*

*Skont il-ġurisprudenza, biex tirnexxi din l-azzjoni jridu jinkonkorru sitt elementi. Dawn l-elementi huma:*

*(a) l-attur irid ikun fil-pussess, almenu de facto u prima faċie, tal-oġġett li jkun qed jikkawtela (Vol. XX.II.338;*
*XXXIII.II.201);*

*(b) il-konvenut ikun, bil-miktub, ressaq pretensjoni fuq dak l-oġġett, l-eżerċiżżju ta' liema pretensjoni tkun għad*
*trid tiġi (Vol. XXXIII.II.287; XLII.II.1146);*

*(c) il-pretensjoni trid tkun spontanea, u mhux provokata bl-agir tal-attur (Vo. XXIV.II.358; XXXI.I.494);*

[7] App. Civ. 1064/2008/1 deċiz 25 ta' Novembru, 2011

*(d) il-pretensjoni jrid ikollha l-karattru li tista' tiġi eżerċitata b'azzjoni ġudizzjarja (Vo. XXXIII.II.287);*

*(e) il-millantazzjoni jkollha skop determinabbli, speċifiku jew kapaċi li jiġi speċifikat (Vol. XXXIII.II287;*
*XXXVI.III.632)*

*(f) il-pretensjoni m'għandhiex tkun kondizzjonata, jew tiddependi minn fatt li jista' jiġri u ma jiġrix (Vol. XVI.II.85;*
*XXI.II.6).*

*Fil-kuntest tat-tielet element, u ċioe`, il-ħtiega tal-ispontaneata` tal-millantazzjoni, din il-Qorti tosserva li dan hu element diversi drabi ribadit mill-ġurisprudenza. Hekk, fil-kawza,* ***Pellegrini Petit v. Sammut****, Vol. XXIV.II.358, intqal, b'approvazzjoni ta' dak li jgħid il-ġurista* ***Rodolfino*** *fuq il-materja, li "allegazioni fatte in propria difesa in atti giudiziali dietro provocazione altrui, non possono servire di base al giudizio in jattanza". Dan il-prinċipju ġie ndikat ukoll mill-prim' awla tal-Qorti Ċivili fil-kawza* ***Grixti v. Borg****, deċiza fit-22 ta' Ottubru 1982, fejn saret riferenza għad-deċizjonijiet riportati fil-Vol. III.189, XVI.II.337, XXIV.II.359, XXXII.I.645 u XLIII.II.1146. Hekk ukoll fil-kawza,* ***Buhagiar v. Busuttil****, deċiza mill-prim' awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Ottubru, 1999, intqal li "meta l-attur mexxa jew ġieb 'il quddiem kontra l-konvenut xi pretensjoni, jew iġib raguni għaliex huwa qiegħed jirrespingi dik il-pretensjoni, allura d-dikjarazzjoni ma tkunx izjed wahda spontanja, imma tassumi l-kwalita` ta' dikjarazzjoni ta'dritt provokata. Il-konvenut f'kazijiet bħal tal-aħħar ikun qed jeżerċita dritt tiegħu".*

*Il-provokazzjoni sseħħ meta dak li jkun jasserixxi xi dritt fuq ħaga fil-pussess ta' ħaddiehor, bħal meta dak li jkun jippretendi li hu proprjetarju assolut ta' xi ħaga f'idejn terz. Jekk it-terz jichad din il-pretensjoni u jgħid li dik il-ħaga hi tiegħu, dak li ressaq il-pretensjoni fl-ewwel lok ma jistax imexxi azzjoni ta' jattanza kontra t-terz, ghax l-asserzjoni ta' proprjeta` li jkun għamel it-terz tkun ġiet ipprovokata bil-pretensjoni ta' dak li jkun. Il-provokazzjoni sseħħ meta dak li jkun jasserixxi xi dritt fuq ħaga fil-pussess ta' ħaddiehor, bħal meta dak li jkun jippretendi li hu proprjetarju assolut ta' xi ħaga f'idejn terz. Jekk it-terz jiċħad din il-pretensjoni u jgħid li dik il-ħaga hi tiegħu, dak li ressaq il-pretensjoni fl-ewwel lok ma jistax imexxi azzjoni ta' jattanza kontra t-terz, għax l-asserzjoni ta' proprjeta` li jkun ghamel it-terz tkun ġiet ipprovokata bil-pretensjoni ta' dak li jkun."*

F'sentenza oħra fl-ismijiet **David Debono vs Alfred u Doris konjugi Agius**[8] ingħad is-segwenti dwar l-elementi ta' provokazzjoni:-

*"Dawn il-kundizzjonijiet jew ir-rekwiziti ġew elenkati fil-kawza* ***Tabone v. Galea*** *(Prim'Awla 11 ta' Diċembru 2003) u aktar riċentement minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet* ***Paul Agius et v. Joseph Meilaq*** *et deċiza fit-28 ta' Marzu*
*2014.*

*F'din l-ahhar kawza msemmija il-Qorti qalet ukoll illi;*

*"Indiskutibilment il-konvenuti ipprezentaw din iċ-ċedola biex jiddefendu ruħom mill-ittra uffiċjali spedita mill-istess atturi f'Lulju 2007. M'huwiex għalhekk minnu kif jallegaw l-appellanti li dik l-azzjoni tal-appellati kienet spontanja u*

[8] App civili 1241/2009/1 deċiza 31.10.2014

*mhijiex lanqas korretta l-interpretazzjoni tagħhom tal-Artikolu 403 imsemmi fis-sens illi provokazzjoni hija kwalsiasi att illi jbiddel l-istatus quo ikun soggett għal din l-azzjoni. Provokazzjoni hija haga u li tbiddel stat ta' fatt huwa xi haga ohra. .....*

*"Kif gia` issemma', – ara l-kawza* ***Madliena Developments Limited v. Ufficju Kongunt*** *fuq imsemmija – meta l-attur ikun ipprovoka l-kwistjoni hu ma jistax jipprevalixxi ruhu minn din l-azzjoni. F'dik is-sentenza l-Qorti qalet li l-iskop tal-kawza huwa biex ma jibqghux pendenti kwistjonijiet u allegazzjonijet li jistghu jkunu bla bazi u mhux xi parti takkwista dak li l-Qorti sejhet vantagg strategiku bili iggiegħel lill-parti l-ohra tintavola l-kawza hi."*

*Kif infatti ntqal ukoll fil-kawza deciza minn din il-Qorti fit-22 ta' Ottubru 1999,* ***Buhagiar v. Busuttil****:*

*"Meta l-attur mexxa jew ġieb il-quddiem kontra l-konvenut xi pretensjoni u dan biex jillibera ruħu minn dik il-pretensjoni, iġib raguni ghaliex qed jirrespingi dik il-pretensjoni allura d-dikjarazzjoni ma tkunx izjed waħda spontanja imma tassumi kwalita` ta' dikjarazzjoni ta' dritt provokata. Il-konvenut f'kazijiet bħal tal-aħħar ikun qed jezerċita d-drittijiet tiegħu."*

*Spjega oħra tal-kawza ta' jattanza tinsab fis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet* ***Maria Dolores Vella v. Rosario Micallef*** *(15 ta' Dicembru 1958) fejn intqal fost affarijiet oħra illi:*

*"biex ikun hemm lok għall-ġudizzju ta' jattanza jeħtieg li l-azzjoni tkun spontanja u mhux ipprovokata, b'mod li jekk l-azzjoni ssir għall-konservazzjoni jew għad-difiza tad-drittijiet minn persuna. ... anke merament interpellata b'att*

*gudizzjarju ma jikkostitwixxix jattanza u ma jagħtix lok ghar-rimedju eċċezzjonali ta' jattanza". (sottolinejar ta' din il-Qorti).*

*F'dan il-kaz jidher li l-konvenut bagħat l-ittri msemmija fir-rikors promotorju biex jirrispondi għall-ittra mibgħuta mill-Avukat tal-appellanti fit-22 ta' Diċembru 2008. Kwindi, għall-inqas fil-fatti immedjati li taw lok għal dawn il-proċeduri, kien l-istess appellanti illi ipprovokaw lill-appellat bl-ispedizzjoni ta' dik l-ittra. Għalkemm l-ittra ma ġietx esebita, dan jirrizulta mill-istess ittra tas-16 ta' Jannar 2009, u huwa evidenti li dik tat-18 ta' Ottubru 2009, hija prattikament ripetizzjoni tal-ewwel waħda għalkemm b'enfasi akbar fuq il-fatt li l-appellat kien qed jikkonsidra li jibda kawza ta' jattanza huwa stess."*

Ukoll dwar il-provokazzjoni intqal dan fil-kawza fl-ismijiet **Josephine Micallef vs Chairman Awtorita' tad-Djar;-**

***"30.** Fis-sentenza fl-ismijiet **"Maria Dolores Vella vs Rosario Micallef" deciza fil-15 ta' Dicembru 1958 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili,** li giet segwita anke minn sentenzi ricenti, gie ritenut, li biex ikun hemm lok ghal gudizzju ta' jattanza, jehtieg li l-allegazzjoni tkun spontanja u mhux provokata, b'mod li jekk l-allegazzjoni issir ghall-konservazzjoni jew ghad-difiza ta' drittijiet minn persuna, anke merament interpellata b'att gudizzjarju, ma tikkostitwixix jattanza u ma tagħtix lok għar-rimedju eċċezzjonali ta' jattanza.*"[9]

Illi kif ingħad fid-deċizzjoni appena suriferuta lli *"...l-istitut tal-jattanza huwa wieħed eċċezzjonali. Il-prinċipju ġenerali hu, li ħadd ma jista jkun im ġiegħel jagħmel kawza. Dan l-istitut huwa eċezzjoni għal din ir-regola. Di fatti l-*

[9] Deċiza 7/7/2017; 1001/11TA

*Professur Caruana on* ***Notes on Civil Procedure****, p. 1456 jgħid li dan l-istiut huwa ".. a violation of the principle that no one may be compelled, against his wil, to institute proceddings and reduce to an insignificant term the nornal period for the institution of a lawsuit."*. L-istess ingħad fis-sentenza fl-ismiijet **Joseph Baldacchoino et. vs J.J.S. Developers Limited**[10]; "Illi ngħad mill-qrati tagħna "*Illi l-iskop uniku legali u soċjali tal-istitut tal-Jattanza huwa li l-kontestazzjonijiet jiġu risolti. Il-Ligi ma tridx li tħalli l-pretensjonijiet fl-arja kif lanqas ma trid li persuna tivvessa persuna oħra bi pretensjonijiet li ma jinġiebu qatt quddiem il-Qorti kompetenti għas-smigħ u determinazzjoni*." Min-naħa l-oħra, l-istess Qrati wissew ukoll li dan huwa prinċipju eċċezzjonali li għandu jċedi għall-prinċipju ta' natura ġenerali li ħadd ma għandu jiġi mġiegħel jiftaħ kawża: "*illi huwa minnu li l-ġudizzju ta' jattanza huwa kontradittur għad-dettami tad-dritt u għall-massima, speċjalment, invitus agere nemo cogitur; l-għaliex n-norma hija li actor in sua potestate habet quando utatur juri suo, b'mod li l-istess rimedju ma għandux jiġi estiż ; imma mill-banda l-oħra jingħad li dana l-ġudizzju, skond id-dritt komuni u l-żvillup li tawh prattiċi, huwa neċessarju għall-prevenzjonijiet ta' kwalunkwe diffamazzjoni bla kawża, bl-esklussjoni ta' preżunzjoni ta' kalunja, bl-iskop preċipwu ad finiendos lites."*

Ikkunsidrat ulterjorment

Illi applikati dawn il-prinċipji kif ġia ingħad jidher mill-atti proċessawli illi fil-fatt kien l-attur li pprovoka reazzjoni għal kollox negattiva da parti tal-konvenut li wasslitu anke biex jirregistra kontra l-istess konvenut rapport ta' theddid mal-pulizija. L-attur kif kien drittu bagħat kont tax-xogħol minnu esegwit skont il-*letter of engagement*[11] esebita, jekk dan kienx wieħed esegerat u jekk il-konvenut għandux ragun jitlob rifuzzjon ta' flus imħallsa mhux kompitu ta' din

[10] Rikors Guramentat 1180/07 JRM, deċiż 30 ta' Gunju, 2016.
[11] Dok HK1 folio 5

il-Qorti li tiddeterermina. Għalkemm ma tistax ma tikkumtentax dwar l-aġir aggressiv tal-konvenut fl-*emails* mibgħuta lil attur fejn si tratta ta' theddid dwar reputazzjoni tal-attur, pero xejn minn dan ma kien spontaneju għaliex mill-atti ma jirrizultax illi l-konvenut vanta xi talbiet jew pretensjonijiet fil-konfront ta' l-attur qabel ma dana bagħtlu l-kont ikkontestat.

Għaldaqstant invista tan-natura eċċezzjonali ta' l-azzjoni li qedgħa tiġi hawn ttentata kif ġie spjegat, din il-Qorti hija tal-fehma li din tfalli għax priva mill-element ta' spontaneata' u ġiet fil-fatt provokata kif spjegat.

**Konsegwentement fil-waqt li tilqa l-eċċezzjonijiet kollha tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjez.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reg.**